# Nipprepara ruħi għall-qrar

Nidħol il-knisja, noqgħod bilqegħda jew għarkoptejja fil-kwiet.

Nitlob lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinni niftakar id-dnubiet li għamilt u biex jiddispjaċini li għamilthom.



be KIDS

# Talba lill-Ispirtu s-Santu, qabel ma mmur inqerr

Ejja Spirtu s-Santu u għinni nagħmel qrara
tajba. Fakkarni fid-dnubiet li għamilt.
Agħmel li jiddispjaċini għal dak li jien
għamilt ħażin u agħtini l-qawwa biex
ma nerġax nagħmel dawn id-dnubiet.
Kun miegħi biex nagħmel qrara tajba.
Ammen.



be KIDS



Naħseb dnubieti sewwa.
Nagħmel eżami tal-kuxjenza.

## Eżami tal-kuxjenza

- [ ] Kif ġibt ruħi waqt it-talb?
- [ ] Semmejt l-isem ta’ Alla u tal-qaddisin għal xejn b’xejn?
- [ ] Mort għall-quddiesa tal-Ħadd u fil-festi kmandati?
- [ ] Kif ġibt ruħi fil-knisja?
- [ ] Tkellimt pastaż?
- [ ] Obdejt lill-ġenituri u lill-għalliema?
- [ ] Lgħabt ‘fair’?
- [ ] Irrabjajt malajr u għal kull ħaġa ta’ xejn?
- [ ] Ħfirt?
- [ ] Gdibt?
- [ ] Iġġielidt?
- [ ] Għajjart lil xi ħadd?
- [ ] Għirt għal dak li għandu ħaddieħor?
- [ ] Ħadt xi ħaġa li ma kinitx tiegħi?
- [ ] Id-dmirijiet tiegħi, għamilthom tajjeb?
- [ ] Weġġajt lil xi ħadd bil-kliem li għidt, jew bl-azzjonijiet tiegħi?
- [ ] Hemm xi dnub ieħor li għamilt?



be KIDS



Jiddispjaċini li għamilt dawn id-dnubiet u nagħti kelma lil Alla li se nagħmel ħilti kollha biex ma nerġax nagħmilhom.

# Immur inqerr

Nersaq ħdejn is-saċerdot.

Irrodd is-salib.



Jekk din mhix l-Ewwel Qrara tiegħi,
ngħid lis-saċerdot meta kienet
l-aħħar darba li mort inqerr.



be KIDS

Ngħid lis-saċerdot id-dnubiet
li għamilt.



Is-saċerdot jitkellem miegħi
u jagħtini l-penitenza.



be KIDS

Ngħid l-att tal-indiema.





# L-Att tal-Indiema

Mulejja Alla tiegħi,
inti tħobbni ħafna;
jiddispjaċini talli għedtlek le bi dnubieti.
Mil-lum 'l quddiem
bl-għajnuna mqaddsa tiegħek
ma nerġax nagħmel dnubiet iżjed u
rrid inħobbok fuq kollox.

be KIDS

Is-saċerdot jgħid
it-talba tal-assoluzzjoni.
Inwieġeb ‘Ammen’ u hu jberikni.



# Wara li nqerr

Immur lura f'posti.



Nirringrazzja lil Alla u jekk is-saċerdot
talabni nagħmel hekk, ngħid
it-talba li tani bħala penitenza.



Illum mort inqerr u issa erġajt
ħbieb ta’ Ġesù u
ta’ sħabi l-Insara l-oħra.

